

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-22 ta' Frar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Törvényszék – l-Ungérija) – ERSTE Bank Hungary Zrt vs Orsolya Czakó

(Kawża C-126/17)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Protezzjoni tal-konsumaturi — Direttiva 93/13/KEE — Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Artikolu 4(2), Artikolu 5 u Artikolu 6(1) — Klawżoli li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt — Kuntratt ta' self konkluż f'munita barranija — Portata tal-kunċett “abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar” — Invalidità parzjali jew totali tal-kuntratt)

(2018/C 142/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Törvényszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ERSTE Bank Hungary Zrt

Konvenuta: Orsolya Czakó

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13/KEE tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti mal-konsumatur, għandhom jiġi interpretati fis-sens li jissodis faww ir-rekwiżit li l-klawżoli kuntrattwali għandhom jiġi abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-klawżoli ta' kuntratt ta' self konkluż bejn konsumatur u bank, fi Stat Membru, fejn is-somma ta' flus li ser issir disponibbli għal dan il-konsumatur, expressa f'munita barranija bħala l-valuta tal-kont, id-definita firrigward tal-valuta tal-pagament, hija indikata b'mod ċar. Sa fejn id-determinazzjoni ta' din is-somma tiddependi fuq ir-rata tal-kambju fis-seħħ fid-data tar-rilaxx tal-fondi, dan ir-rekwiżit jeħtieġ li l-metodi ta' kalkolu tas-somma effettivament mislu fu kif ukoll ir-rata tal-kambju applikabbli jkunu trasparenti, sabiex konsumatur medju, normalment informat u rägonevolment attent u avżat, jista' jevalwa, fuq il-bażi ta' kriterji preċiżi u intelliġibbli, il-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw minn dan il-kuntratt, inkluż, b'mod partikolari, l-ispiżza totali tas-self tiegħu.
- 2) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ li qorti nazzjonali tikkonstata n-natura inġusta tal-klawżoli ta' kuntratt ta' self konkluż bejn konsumatur u bank, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix lil din il-qorti milli tiddikjara l-invalidità ta' dan il-kuntratt kollu jekk dan ma jistax jibqa' applikabbli wara t-tnejħiha ta' dawn il-klawżoli.

⁽¹⁾ ĠU C 221, 10.7.2017.